# PARLAMENT EWROPEW

*2004* *2009*

28.3.2007 0036/2007

# DIKJARAZZJONI BIL-MIKTUB

imressqa skond l-Artikolu 116 tar-Regoli ta' Proċedura

minn
Romana Jordan Cizelj u Jan Christian Ehler

dwar emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra mis-settur tal-bhejjem

Data ta' skadenza: 28.6.2007

**0036/2007**

**Dikjarazzjoni bil-miktub dwar emmissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra mis-settur tal-bhejjem**

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 116 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. wara li kkunsidra r-rapport bit-titolu "Livestock's Long Shadow – Environmental Issues and Options" (Ruma 2006), ippubblikat mill-Organizzazzjoni ta' l-Ikel u l-Agrikultura tan-Nazzjonijiet Uniti (FAO), li tistipula li s-settur tal-bhejjem huwa l-akbar theddida għad-dinja peress li jiġġenera 18% tal-gassijiet kollha b' effett ta' serra, ċifra akbar minn tas-settur tat-trasport,

B. wara li kkunsidra l-fatt li s-settur tal-bhejjem jipproduċi 65% ta' l-emmissjonijiet ta' diossidu nitruż, li għandu 296 darba il-potenzjal ta' tisħin tal-pjaneta ta' $CO_2$,

C. wara li kkunsidra l-fatt li l-produzzjoni dinjija tal-laħam u tal-prodotti tal-ħalib se tkun aktar mid-doppju sa' l-2050,

D. wara li kkunsidra l-fatt li t-trobbija tal-bhejjem huwa kawża ewlenija tad-deforestazzjoni, it-tħarbit tal-ħamrija (il-mergħa eċċessiva, il-kompattazzjoni u l-erożjoni) u effetti negattivi fuq l-ilma ta' taħt l-art,

1. Jitlob lill-Kummisjoni sabiex terġa' teżamina l-kwistjoni tat-trobbija tal-bhejjem b'konnessjoni diretta mat-tisħin globali u li tittieħed l-azzjoni xierqa;

2. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex tieħu l-miżuri xierqa sabiex iżżid l-effiċjenza tal-produzzjoni tal-bhejjem u l-agrikoltura ta' l-uċuħ tar-raba' għall-għalf, sabiex jittejbu in-nutriment ta' l-annimali u jiġu promossi miżuri xierqa sabiex jinkisbu bijogassijiet għar-riċiklaġġ tad-demel;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-dikjarazzjoni, flimkien ma' l-ismijiet tal-firmatarji, lill-gvernijiet ta' l-Istati Membri, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni.